

7
OTTUBRU
1981

# dawl frangiskan

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

## F'DIN IL-HARGA


| | |
|---|---|
| Editorjal: "Jiena Għamilt Ħilti; Issa Kristu Jgħallimkom Kif Tagħmlu Tagħkom | pag. 1 |
| Poeżija | " 3 |
| Il-Martri Franġiskani | " 4 |
| Lis-Sekulari Franġiskani | " 6 |
| L-Ideal Serafiku Fost L-Aħwa Tal-Fqajjar Franġisku Ta 'Assisi | " 8 |
| Habar Gani? | " 10 |
| Il-Ħbiberija Ma' L-Imsallab | " 12 |
| It-Talb Fil-Ħajja Ta' Santa Klara | " 14 |
| Iltqajt Ma' San Franġisk F'Assisi | " 16 |
| Some Present-Day Realities and their impact on Our Identity as Capuchins Today | " 18 |
| Kif Nibżgħu Għall-Ħbieb | " 20 |


**KALENDARJU FRANĠISKAN** **OTTUBRU 1981**

4 ta' Ottubru: *SAN FRANĠISK MISSIERNA,* Djaknu, Fundatur Tat-Tliet Ordnijiet — Solennita.

6 ta' Ottubru: *Santa Marija Franġiska tal-Ħames Pjagi,* Verġni, II Ordni — Tifkira.

10 ta' Ottubru: *San Danjel u Sħabu,* Martri, I Ordni — Tifkira.

12 ta' Ottubru: *San Serafin minn Montegranaro,* Reliġjuż, I Ordni — Tifkira.

19 ta' Ottubru: *San Pietru minn Alcantara* ,Saċerdot, I Ordni — Tifkira.

20 ta' Ottubru: *B. Ġakbu de Strepis,* Isqof, l-Ordni; B. Kontardu Ferrini, III Ordni — Tifkira.

22 ta' Ottubru: *B. Ġużeppina Leroux,* Verġni u Martri, II Ordni — Tifkira.

23 ta' Ottubru: *San Ġwann ta' Capistrano,* Saċerdot, I Ordni — Tifkira (0).

26 ta' Ottubru: *B. Bonaventura minn Potenza,* Saċerdot, I Ordni — Tifkira.

Editur
Responsabbli:
**P. Philip Cutajar**
**Kunvent Tal-Kapuċċini**
**Kalkara**
**Malta**
**Tel. 825724**

Stamperija:
**CharVin Press & Co. Ltd.**
**Factory 191,**
**Industrial Estate,**
**Luqa.**
**Tel. 784381/2**



# DAWL FRANĠISKAN

**LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN**

L-EWWEL SENA — OTTUBRU 1981 — Nru. 7



# "Jiena Għamilt Ħilti; Issa Kristu Jgħallimkom Kif Tagħmlu Tagħkom"

Dawn huma ftit mill-aħħar kelmiet li Missierna u Ħuna San Franġisk lissen ftit mumenti qabel ma miet. Huma l-kelmiet li s-Superjuri l-kbar tad-diversi fergħat tal-familja franġiskana, fuqhom fasslu l-messaġġ tagħhom fl-okkażjoni tat-VIII Ċentinarju mit-Twelid tal-Fqajjar ta' Assisi (1182-1982). Għalhekk dawn għandhom ikunu għalina lkoll kelmiet li matul is-sena li ġejja, aktar mis-soltu, jenħtieġ illi naħsbu fuqhom, nidħlu fil-profondita' ta' ħsibijiet li joffrulna bil-għan li nfittxu npoġġu fil-prattika tal-ħajja tagħna ta' kuljum it-tagħlim għoli li joffrulna.

**"Jien għamilt ħilti**..." — Fil-kobor tal-umilta' tiegħu l-Qaddis ta' Assisi quddiem t-tmiem tal-ħajja tiegħu fuq l-art, quddiem oħtu l-mewt li kienet qrib ħafna tiegħu, igħid biss li huwa fittex li jagħmel dejjem il-ħila tiegħu. Ma jitkellimx minn suċċessi, ma jgħidx jekk irnexxielhux jasal fejn ried u xtaq. Anzi fl-aħħar ġranet ta' ħajtu nsibu li qal lill-Aħwa tiegħu: "Infittxu li nibdew nagħmlu xi ħaġa għax s'issa għadna m'għamilna xejn".

Hekk jirraġuna l-bniedem qaddis li fl-umilta' jfittex li jkattar fih l-imħabba lejn Alla l-Ħallieq u lejn ħutu l-bnedmin. Dejjem jagħmel il-ħila tiegħu bla ma qatt m'hu kuntent b'dak li qed jagħmel, bla ma qatt igħid: biżżejjed, bla ma qatt igħid: wasalt. Għal min iħobb tassew lil Alla jirnexxielhu ftit ftit jiskopri l-infinita' tal-imħabba ta' Alla għalih, u għalhekk bir-raġun hawn jara l-ftit li hu qed jagħmel ħdejn il-kobor li ġej min-naħa ta' Alla. Min igħid: biżżejjed daqshekk.. b'li qed nagħmel sodisfatt ...kuntent, huwa l-aktar wie-'l bogħod mill-vera mħabba għax ikun għadu ma jafx iħobb (jew almenu jagħmel il-ħila tiegħu biex

iħobb) lil min iħobbu b'mod infinit. Irridu sinċerament nibqgħu nagħmlu dejjem l-ħila tagħna bla ma qatt naqtgħu qalbna, irridu dejjem nikbru iżjed fl-imħabba. Dan kien il-mottiv ewlieni li saq lil Franġisku biex ikun radikali f'ħajtu.

**"Issa Kristu jgħallimkom kif tagħmlu tagħkom"** — Il-Qaddis Franġisku sa l-aħħar jibqa' fidil lejn il-karizma li għamlitu kbir quddiem Alla u quddiem il-bnedmin. Hu f'ħajtu ma ried qatt li jidħol f'xi struttura, ma ried l-ebda regola monastika tikkundizjonah, ma ried l-ebda liġi jekk mhux ħllef lil KRISTU TAL-EVANĠELJU. Kristu huwa ċ-ċentru tal-Fraternita' Franġiskana. Huwa biss irid ikun l-ispirazzjoni tal-forma ta' ħajja tassew franġiskana. Il-Fqajjar ta' Assisi nnifsu b'ħila kbira rnexxielhu jagħmel dan matul ħajtu.

"Ir-Regula u l-Ħajja tal-Franġiskani hija din: li jħarsu l-Evanġelju Mqaddes ta' Sidna Ġesu' Kristu" (Mir-Regula ta' San Franġisk). Fuq dan il-Qaddis tagħna dejjem saħaq ma' l-Aħwa li l-Mulej tah. Fuq dan għex ħajtu. Fuq dan fassal ir-Regula li kellu jagħmel.

Issa li wasal biex imut ithenni lil Ħutu miġburin madwaru biex f'kull pass ta' żvolġiment ikomplu jħallu dejjem li Kristu bħala l-unika ispirazzjoni. Huwa Kristu li issa jkompli jgħallimna dak li għandna nagħmlu bil-għan li ngħixu fl-awtentiċita tagħha l-karizma franġiskana.

Ejjew ikoll, għeżież franġiskani rġiel u nisa, inħallu dan iċ-Ċentinarju li sejrin niċċelebraw ikun għalina **grazzja** li tqanqalna biex niġġeddu fiż-żgħożija tal-ideal Franġiskan tagħna. Dan għandu jkun għall-umanita' kollha mument imqaddes ta' fidi u salvazzjoni fejn kulħadd jagħraf l-obbligu li għandu biex jagħmel dejjem aktar il-ħila tiegħu bl-iskop li jħobb lil Alla l-Missier fuq kollox u qabel kollox, u lil ħutu l-bnedmin. Dan irid isir b'ispirazzjoni li tkun ġejja minn Kristu fl-Evanġelju u bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Ejjew ninxteħtu bil-ferħ f'din l-isfida li hi l-ħidma ta' kuljum u bla heda tal-bini tas-saltna ta' Alla.

Il-Mulej jagħtikom is-Sliem.

*L-Editur*

Editur
Responsabbli:

**P. Philip Cutajar**

**Kunvent Tal-Kapuċċini**

**Kalkara**

**Malta**

**Tel. 825724**

Stamperija:

**CharVin Press & Co. Ltd.**

**Factory 191,**

**Industrial Estate,**

**Luqa.**

**Tel. 784381/2**

# DAWL FRANGISKAN

**LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN**

L-EWWEL SENA — OTTUBRU 1981 — Nru. 7

# "Jiena Għamilt Ħilti; Issa Kristu Jgħallimkom Kif Tagħmlu Tagħkom"

Dawn huma ftit mill-aħħar kelmiet li Missierna u Ħuna San Franġisk lissen ftit mumenti qabel ma miet. Huma l-kelmiet li s-Superjuri l-kbar tad-diversi fergħat tal-familja franġiskana, fuqhom fasslu l-messaġġ tagħhom fl-okkażjoni tat-VIII Ċentinarju mit-Twelid tal-Fqajjar ta' Assisi (1182-1982). Għalhekk dawn għandhom ikunu għalina lkoll kelmiet li matul is-sena li ġejja, aktar mis-soltu, jenħtieġ illi naħsbu fuqhom, nidħlu fil-profondita' ta' ħsibijiet li joffrulna bil-għan li nfittxu npoġġu fil-prattika tal-ħajja tagħna ta' kuljum it-tagħlim għoli li joffrulna.

**"Jien għamilt ħilti..."** — Fil-kobor tal-umilta' tiegħu l-Qaddis ta' Assisi quddiem t-tmiem tal-ħajja tiegħu fuq l-art, quddiem oħtu l-mewt li kienet qrib ħafna tiegħu, igħid biss li huwa fittex li jagħmel dejjem il-ħila tiegħu. Ma jitkellimx minn suċċessi, ma jgħidx jekk irnexxielhux jasal fejn ried u xtaq. Anzi fl-aħħar granet ta' ħajtu nsibu li qal lill-Aħwa tiegħu: "Infittxu li nibdew nagħmlu xi ħaġa għax s'issa għadna m'għamilna xejn".

Hekk jirraġuna l-bniedem qaddis li fl-umilta' jfittex li jkattar fih l-imħabba lejn Alla l-Ħallieq u lejn ħutu l-bnedmin. Dejjem jagħmel il-ħila tiegħu bla ma qatt m'hu kuntent b'dak li qed jagħmel, bla ma qatt igħid: biżżejjed, bla ma qatt igħid: wasalt. Għal min iħobb tassew lil Alla jirnexxielhu ftit ftit jiskopri l-infinita' tal-imħabba ta' Alla għalih, u għalhekk bir-raġun hawn jara l-ftit li hu qed jagħmel ħdejn il-kobor li ġej min-naħa ta' Alla. Min igħid: biżżejjed daqshekk.. b'li qed nagħmel sodisfatt ...kuntent, huwa l-aktar wie-'l bogħod mill-vera mħabba għax ikun għadu ma jafx iħobb (jew almenu jagħmel il-ħila tiegħu biex

ħobb) lil min iħobbu b'mod infinit. Irridu sinċerament nibqgħu nagħmlu dejjem l-ħila tagħna bla ma qatt naqtgħu qalbna, irridu dejjem nikbru iżjed fl-imħabba. Dan kien il-mottiv ewlieni li saq lil Franġisku biex ikun radikali f'ħajtu.

**"Issa Kristu jgħallimkom kif tagħmlu tagħkom"** — Il-Qaddis Franġisku sa l-aħħar jibqa' fidil lejn il-karizma li għamlitu kbir quddiem Alla u quddiem il-bnedmin. Hu f'ħajtu ma ried qatt li jidħol f'xi struttura, ma ried l-ebda regola monastika tikkundizjonah, ma ried l-ebda liġi jekk mhux ħlief lil KRISTU TAL EVANĠELJU. Kristu huwa ċ-ċentru tal-Fraternita' Franġiskana. Huwa biss irid ikun l-ispirazzjoni tal-forma ta' ħajja tassew franġiskana. Il-Fqajjar ta' Assisi nnifsu b'ħila kbira rnexxielhu jagħmel dan matul ħajtu.

"Ir-Regula u l-Ħajja tal-Franġiskani hija din: li jħarsu l-Evanġelju Mqaddes ta' Sidna Ġesu' Kristu" (Mir-Regula ta' San Franġisk). Fuq dan il-Qaddis tagħna dejjem saħaq ma' l-Aħwa li l-Mulej tah. Fuq dan għex ħajtu. Fuq dan fassal ir-Regula li kellu jagħmel.

Issa li wasal biex imut ithenni lil Ħutu miġburin madwaru biex f'kull pass ta' żvolġiment ikomplu jħallu dejjem li Kristu bħala l-unika ispirazzjoni. Huwa Kristu li issa jkompli jgħallimna dak li għandna nagħmlu bil-għan li ngħixu fl-awtentiċita tagħha l-karizma franġiskana.

Ejjew ikoll, għeżież franġiskani rġiel u nisa, inħallu dan iċ-Ċentinarju li sejrin niċċelebraw ikun għalina **grazzja** li tqanqalna biex niġġeddu fiż-żgħożija tal-ideal Franġiskan tagħna. Dan għandu jkun għall-umanita' kollha mument imqaddes ta' fidi u salvazzjoni fejn kulħadd jagħraf l-obbligu li għandu biex jagħmel dejjem aktar il-ħila tiegħu bl-iskop li jħobb lil Alla l-Missier fuq kollox u qabel kollox, u lil ħutu l-bnedmin. Dan irid isir b'ispirazzjoni li tkun ġejja minn Kristu fl-Evanġelju u bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Ejjew ninxteħtu bil-ferħ f'din l-isfida li hi l-ħidma ta' kuljum u bla heda tal-bini tas-saltna ta' Alla.

Il-Mulej jagħtikom is-Sliem.

*L-Editur*

**POEZIJA FRANĠISKANA:**

# Agħmilni Strument Tiegħek

1 Lili Mulej agħmilni
Strument tal-paċi tiegħek
Kuraġġ int agħmel fija
u żommni dejjem miegħek.

2 Lili strument għamilni
Naħsel ir-ruħ imtabba
U fejn hemm il-mibgħeda
Ħallini nħeġġeġ l-imħabba

3 It-toqol ta' fuq spalltek
Jiena miegħek se nerfa
Sabiex fejn hemm il-ħtija
Ħallini nferrex l-imħabba.

4 Inti Sultan tas-Sema
U tiegħi Sultan Sidi
Għalhekk fejn hemm id-dubju
Ħallini ndaħħal il-fidi.

5 Inti qawwa tal-Grazzja
U m'intix blata samma
Fejn qtiegħ il-qalb jeżisti
ħallini nqawwi t-tama.



6 Għin ruħħek biex Alla jgħinek
Minnu meħud il-qawl
U fejn id-dlam jeżisti
Ħallini nkebbes id-Dawl.

7 Fik biss tinsab it-tama
imħabba, fidi, dawl, serħ
anki fejn hemm in-niket
ħallini nxerred il-ferħ.

8 Ġesu' Int Dawl is-Sema
Għajtilna ħdejk nitilgħu
U meta lkoll flimkien nagħtu
Aħna lkoll naqilgħu.

9 Sa ngħarfu bit-twelid tiegħek
Fejn int twelidt bla sura
Għallimtna meta naħfru
Aħna niġu maħfura.

10 Nisimgħu dan il-kliem tiegħek
M'għandniex nagħmlu bħal bhejjem
Għax aħna meta mmutu
Nitwildu ħajja ta' Dejjem.

## LIL SAN FRANĠISK T'ASSISI

Kbir Franġisku minn t'Assisi l-fqajjar
xbieha ħajja ta' Kristu l' Int ħabbejt,
L-għana tiegħek lill-foqra mort ittajjar,
u bil-barkiet tas-sema Int stagħnejt.

Iktar issa, werriet sirt tal-Ġenna
Xhidha huma l-pjagi ta' jdejk,
Serafin minn fuq l-għolja t'Alverna,
Tak il-pjagi f'idejk u f'riġlejk.

U d-dinja dlonk għarfet qdusitek,
Għax kulħadd lejn ħajjietek miġbud,
U l-irħieb tkebsu b'imħabba f'qawwietek,
Bħalma vleġġa tħalli ġisem ferut.

O San Franġisk, Missier ħanin tal-fqajjar
Agħni lil ruħna biex għal ħdejk tittajjar!

**Kan. Dun Nikol Vella Apap**

# IL-MARTRI FRANĠISKANI

**Sac. Jos. Grech Cremona**

**Membru fl-O.F.S.**



Kif għidtilkom fl-aħħar artiklu tiegħi (Qdusia Franġiskana Vol. 1, Nru. 3, pp. 14-15), fost il-64 qaddis u l-134 Beatu Franġiskan ta' l-Ewwel Ordni, insibu 91 (jiġifieri 36 Qaddis u 55 Beatu) martri, li llum ser ngħidu xi ħaġa dwarhom.

Kien għadu ħaj San Franġisk meta mietu l-ewwel 5 martri franġiskani fil-Marokk: **San Berardu u sħabu** fis-16 ta' Jannar 1220. Kien meta ra l-iġsma tagħhom f'Cimbra fil-Portugall li Sant' Antnin iddeċieda jsir Franġiskan. Il-Papa Sistu IV, ex-General tal-Konventwali ddikjarahom qaddisin fl-1481.

Sena wara l-mewt ta' San Franġisk, eżattament fl-10 ta' Ottubru 1227, ħadu l-martirju, fil-Marok ukoll, 7 Franġiskani oħra: **San Danjel u sħabu,** kanonizzati minn Leone X fl-1516.

Erba' snin wara sfaw maqtulin, mill-Misilmin ukoll, ġewwa Valencia fi Spanja, il-**Beati Ġwanni minn Perugia** u **Pietru minn Sassofurato,** fid-29 ta' Awissu 1281. Mhux wisq wara, fid-29 ta' Mejju 1242, mietu martri, maqtulin mill-eretiċi Albigezi ġewwa Toloza fi Franza ,il-Beati Franċiżi: **Stiefnu minn Narbonne** u **Rajmondu minn Carbonnaires.** Sadanittant, il-Franġiskani kienu bdew imorru bħala missjunarji fil-Lvant, anke fil-Lvant Imbiegħed. Il-Beatu **Tumas minn Tolentino** miet martri fl-Indja fid-9 ta' April tal-1321, waqt li l-**Beatu Gentile minn Matelica** miet fil-Persja fil-5 ta' Settembru 1340.

Il-fdal ta' dan l-aħħar ittieħed fil-1366 fil-Knisja ta' S. Maria Gloriosa de' Frari, tal-Konventwali ta' Venezja, mid-Doge Marco Cornaro.

L-ewwel martri Franġiskani ta' l-Art Imqaddsa li saru qadddisin, huma: **San Nikola Tavelic u tliet sħabu,** li ħadu l-martirju fit-12 ta' Novembru 1391. Il-ġisem ta' San Nikola jinsab għand il-Konventwali ta' Sibeniu fil-Jugoslavja. Dawn il-martri ġew kanonizzati mill-Papa Pawlu VI fil-21 ta' Ġunju 1970. San Nikola Tavelic kien mill-kroazzja, sħabu kienu: wieħed Franċiż u tnejn Taljani.

L-aħħar martri Franġiskani tas-Seklu XIV kienu l-**Beati Giovanni minn Cetina** u **Pietru Duenas**, Spanjoli, maqtulin mill-Misilmin ġewwa Granada fi Spanja fid-19 ta' Mejju 1397. L-uniċi martri Franġiskani tas-Seklu XV li saru Beati huma: l-**Beatu Makarju u**

**sħabu** ta' Otranto. Dawn kienu 6 patrijiet Konventwali li mietu flimkien ma' madwar 80 oħra, fosthom l-Arċisqof Stiefnu Pendinelli, maqtulin mit-Torok fil-Kattidral ta' Otranto nhar l-14 ta' Awissu 1480. Il-Papa Klement XIV, Franġiskan Konventwali, iddikjarhom kollha Beati fil-1771 u l-Papa Ġwanni Pawlu II żar ir-relikwji tagħhom f'Otranto għall-okkażjoni tar-raba' ċentinarju tagħhom fil-1980.

Matul is-Seklu XVI għandna 2 martri Ngliżi, it-tnejn Osservanti: il-**Beatu Ġwann Forest** minn Oxford, konfessur tar-Reġina Katerina ta' Aragona, mart ir-Re Neriku VIII. Dan ġie maqtul maħruq fit-22 ta' Mejju 1538. Il-martri l-ieħor huwa **San Ġwann Jones** minn Wales li qabel kien Konventwali, u li miet billi ġie mgħallaq fit-12 ta' Lulju 1598, taħt ir-Reġina Elizabetta I. Dan ġie kkanonizzzat ma' 39 martri Ingliżi oħra minn Pawlu VI fil-25 ta' Ottubru 1970. Martri ieħor tal-persekuzzjonijiet protestanti huma l-11 il-Franġiskan **S. Nikola u sħabu,** ukoll Osservanti, li mietu Gorkum fl-Olanda fid-9 ta' Luluju 1571 flimkien ma' reliġjużi oħra. Dawn ġew ikkanonizzati mill-Papa Piju IX fid-29 ta' Ġunju 1867. Fl-istess seklu mietu 6 martri Franġiskani oħra, din id-darba Alkantarini: **San Pietru Battista minn San Esteban u sħabu** li ħadu l-martirju ġewwa Nagasaki fil-Ġappun flimkien ma' 3 Ġiżwiti u ma' 17-il Terzjarju Franġiskan fil-5 ta' Frar 1597. Papa Piju IX iddikjarhom qaddisin fit-8 ta' Ġunju 1862. Fosthom hemm wieħed Messikan: **San Filippu ta' Ġesu'.**

L-ewwel Beatu martri Franġiskan tas-Seklu XVII, hu l-**B. Ġwanni minn Prado,** Alkantarin Spanjol, missjunarju fil-Marokk fejn safa' maqtul fl-24 ta' Mejju 1613. Ftit tas-snin wara mietu bosta martri Franġiskani Spanjoli fil-Ġappun, mis-snin 1618 sa l-1632. Barra minn diversi Sekulari Franġiskani, hemm 18-il patri u fratelli lajċi, Alkantarini u Osservanti, fosthom il-**B. Apollinar Franco** li ġie maħruq ħaj f'Omura ma' 8 oħra fil-10 ta' Settembru 1622. Fl-istess sena kien miet fl-Isvizzera **San Fidiel minn Sigmaringen,** Ġermaniż, l-ewwel martri Franġiskan Kapuċċin u wkoll l-ewwel martri tal-Propagazzjoni tal-Fidi. Miet fl-24 ta' April 1622 u ġie kkannonizzat minn Beneditt XIV fid-29 ta' Ġunju 1746. Ġismu jinsab għand l-Kapuċċini ta' Feldkirch, fl-Awstrija.

Fis-7 ta' Awissu 1638 mietu martri żewġ Kapuċċini oħra, Franċiżi, u missjunarji fl-Abbisinja: il-**BB. Agatanglu minn Vendome** u **Kassjanu minn Nantes,** li sfaw mgħallqin f'Gondar. L-aħħar martri Franġiskan tas-Seklu XVII hu **Sn Ġwann Wall,** Ingliż minn Lancashire, tar-Rikoletti. Dan ġie maqtul f'Wercerta fit-22 ta' Awissu 1179 u kkannonizzat ma' l-Ingliżi li semmejna fil-1970.

Is-Seklu XVIII tana tliet martri Franġiskani: il-Konventwali Franċiż **B. Ġwann Franġisk Burte'** li miet mal-Kapuċċin Svizzeru **B. Apollinar minn Posat** bil-giljottina fil-kunvent tal-Karmelitani ta Pariġi fit-2 ta' Settembru 1792. Ma' dawn hemm ukoll il-Konventwali **B. Ġwanni Battista Triquerrie** li miet Laval fil-21 ta' Jannar 1794.

Wara dawn kien hemm il-**Beatu Giovanni minn Triora,** Osservant, missjunarju fiċ-Ċina, li miet billi ġie mgħallaq fis-7 ta' Frar 1816. Ġismu jinsab meqjum fil-famuża Bażilka ta' Aracoeli, tal-Franġiskani Minuri ta' Ruma. Iktar tard hemm it-**8 Martri ta' Damasku: BB. Manwel Reiz u sħabu,** Osservanti u Riformati, maqtulin mill-Mawmettani fil-lejl bejn id-9 u l-10 ta' Lulju 1860. Il-fdal tagħhom jinsab meqjum għand il-Fraġiskani Minuri f'Damasku. U fl-aħħarnett it-8 martri tal-persekuzzjoni "tal-boxers" fiċ-Ċina, li ġa semmejna fl-aħħar artiklu: il-**BB. Gregorio Grassi u sħabu,** ilkoll Franġiskani Minuri, li mietu f'Lulju 1900. It-tonka ta' wieħed minnhom, **B. Francesco Fogolla,** tinsab fil-kunvent ta' Ġieżu tal-Belt Valletta.

Dan juri li mill-bidu ta' l-Ordni Franġiskan sal-lum, dejjem kien hemm patrijiet ,fratelli lajċi u membri tal-Ordni Sekulari Franġiskani li ħadu l-palma tal-martirju għall-Fidi Nisranija. Dak li San Franġisk t'Assisi nnifsu xtaq ħafna jagħmel, jiġifieri li hu stess jagħti xhieda tal-kobor tal-imħabba tiegħu lejn Kristu l-Mulej permezz tat-tixrid ta' demmu. għamluh ħafna u ħafna minn uliedu.

**Ittra lill-Franġiskani Sekulari (OFS)**

# INHOBBU IL-KNISJA

Għeżież Ħuti Franġiskani Sekulari,

Avolja m'intomx ikkonsagrati QASSISIN bl-ORDNI SAGRI, u m'għandkomx għalhekk is-setgħat tas-SAĊERDOZJU MINISTERJALI, intom b'dana kollu għandkom sehem mis-SAĊERDOZJU REGALI TA' SIDNA ĠESU' KRISTU. Bis-sagrament tal-Magħmudija, intom ġejtu "ngastati" fi Kristu Mistiku u, bħal lampa elettrika, għandkom għalhekk fikom l-elettriċita' (!) in-natura ta' Ġesu' Kristu bħala l-Qassis l-Kbir.

Hekk kien Missierna San Franġisk. Ma riedx isir saċerdot: aċċetta li jibqa' DJAKNU biss; iżda tant immedeżima ruħu ma' Kristu, li sar KRISTU IEĦOR, ukoll fis-sehem ta' Qassis.

Bħala KRISTU IEĦOR San Franġsk ma setax għalhekk ma jħobbx lill-KNISJA. Din hija KRISTU MISTIKU! Kif seta' għalhekk San Franġisk ma jħobbhiex b'imħabba kbira bħala Kristu nnifsu inkarnat MISTIKAMENT? Tant ħabbha, li ried li hu u kull min jidħol f'xi Ordni Reliġjuż tiegħu, jingħataw b'ruħhom u b'ġisimhom għas-servizz tagħha. U billi fi żmienu kien hemm theddid serju kontra s-saħħa spiritwali u morali tal-Knisja li s-sede ewlenija tagħha kienet f'Ruma, hu ried jagħmilha ċara li hu u l-franġiskani kollha nwegħdu u nipprattikaw ubbidjenza u riverenza għall-KNISJA RUMANA: jiġifieri, għall-Knisja li Ġesu' Kristsu nnifsu waqqaf b'Kap tagħha SAN PIETRU U S-SUĊĊESSURI LEĠITTIMI TIEGĦU.

L-imħabba tiegħu lill-Knisja, San Franġisk uriha b'fatti kbar. L-ewwelnett, wiegħed ubbidjenza SĦIĦA U PERFETTA LEJN IL-PAPA TA' RUMA, biex il-Papa jkun jista' jiddisponi minnu kif ikun jidhirlu li jitlob l-aħjar servizz tal-Knisja: u wera rispett partikulari lejn l-Isqfijiet, bħala dawk, li flimkien mal-Papa, huma l-kolonni li fuqhom Kristu bena l-Knisja, bħala garanzija li din tibqa' teżisti sa 'l-aħħar tad-dinja. Mhux biss, iżda kien minn ta' l-ewwel li ħareġ mill-Ewropa għall-Afrika u għall-Asja, imbagħad ma' Kristoforo Colombo (bis-segwaċi tiegħu) għall-Amerika, biex hekk lill-Knisja iwaqqafha u jobdiha fil-ħidma qaddisa u feddejja tagħha wkoll barra l-Ewropa.

Jekk irridu nkunu veri franġiskani, aħna wkoll għandna għalhekk nħobbu lill-Knisja b'imħabba bħal din. Naraw fiha lill-Kristu Mistiku. Inħossu fina r-responsasbilta', li nżommuha kemm jista' jkun f'saħħitha u ngħinuha kemm nifilħu twettaq il-missjoni ta' OMM U GĦALLIEMA GĦAL KULĦADD. Jekk stess naraw nuqqas fil-membri tagħha, anki fost l-iżjed ewlenin, ma naqtgħux qalbna, anzi nitolbu għal dawn u ngħinuhom ifiequ mill-aktar fis li jistgħu u ngħinu iżjed lilha, biex hija tkompli l-missjoni tat-tixrid tal-BXARA T-TAJBA li Kristu fundatur tagħha fdalha f'idejha, b'risq l-bnedmin kollha.

Għal dan l-iskop qaddis, ngħixu dejjem mal-Knisja: ninteressaw rwieħna minn kull ma tgħaddi minnu u jgħadddi minnha: nitolbu dejjem għaliha u ngħinuha kemm nifilħu. San Franġisk iqisna u jberikna bħala veri wliedu. Insellmilkom.

*Patri Feliċjan Bilocca, Kapp.,*

*Kumm. Prov. li ta' l-OFS*

# Kumment tar-Regula ta' l-Ordni Frangiskani Sekulari

# NGHIXU GHALL-HAJJA ETERNA

*Test*: — "Kristu hu l-ħajja li Hu ġie biex jagħtina bl-abbundanza Kbira" (San Ġwann, kap 3, v.16; kap 4, v. 6).

*Riflessjonijiet*: —

1. Biex dal-kliem nifhmuh sewwa, hemm bżonn niftakru fil-kliem li l-stess Evanġelista San Ġwann ir-rapurtalna fil-kap. 3, v. 16, meta qalilna li "Alla tant ħabb lid-dinja, li tana 'l Ibnu l-Waħdieni sabiex kull min jemmen Fih, ma jintilifx, iżda jkollu ħajja eterna". Hawnhekk għandna naraw imħabba tremenda li Alla għandu lejna: weħedna, qatt ma nistgħu nimmaġinaw li Alla omnipotenti, ħallieq ta' kollox, jasal biex jagħtina imħabba hekk kbira!

Naraw ukoll kemm BĦALA BNEDMIN, jiġifieri meta ngħixu skond id-dinjita' umana li Alla ħalaqna biha, aħna "kbar" u tant niswew, li Alla, li ħalaqna hekk, jaċċetta li jħobbna b'imħabba infinita. Dan ngħiduh mhux b'xi vanaglorja bħallikieku konna aħna li għamilna lilna nfusna kbar: għamilna kbar Alla; bil-ġisem, għax huwa dinja sħiħa fih innifsu: bir-ruħ, għax hija ġabra mmensa ta' fakultajiet spiritwal. U għalex għamilna hekk kbar, ukoll bħala bnedmin, rana li nistgħu nirċievu permezz ta' Ibnu l-ħajja eterna li Huwa bagħta fid-dinja biex jagħtihielna.

Dan jgħallimna li għandna nibżgħu għalina nfusna wkoll BĦALA BNEDMIN: GĦALIEX UKOLL BĦALA BNEDMIN aħna kreatura kbira li għandha d-dekor tagħha. Għalhekk l-Evanġelista qalilna li "kull bniedem" jista' jemmen fl-Iben waħdieni tal-Missier Etern u jirċievi minn għandu l-ħajja eterna. Mela ngħixu imqar ta' VERI BNEDMIN!

2. Iżda barra l-ħajja umana, l-Iben Waħdieni t'Alla l-MISSIER wasslilna l-ĦAJJA SOPRANNATURALI, Soprannaturali li hija l-fuq min-natura tagħna bħala sempliċi bnedmin. Din hija l-ħajja tal-grazzja santifikanti, id-don li bih Alla Missier, għall-meriti ta' Ibnu-Feddej tagħna, jadottana bħala wliedu, aħwa ta' Ibnu Ġesu' u werrieta tal-ħajja eterna fil-ġenna, fejn 'l Alla narawh wiċċ imb'wiċċ u Fih naraw kollox u 'l kulħadd.

Biex aktar żgur id-don tal-grazzja santifikanti jibqa' fina, Alla l-Missier, dejjem permezz ta' Kristu Sidna, il-ħin kollu jakkompanjana bir-ruxxmata ta' grazzji "attwali" biex bihom nistgħu nimmeritaw f'kull ħaġa tajba li nagħmlu u f'kull kelma li ngħidu: speċi ta' aħna naġixxu u nitkellmu u Hu jinduraha kull azzjoni u kull kelma bis-sbuħija u bir-rinfurzar ta' l-għajnuna Tiegħu, ħalli kull ma nagħmlu u kull ma ngħidu ma jibqax biss uman, naturali, iżda jsir SOPRANNATURALI, LI D-DESTINAZZJONI tiegħu hija l-ĦAJJA ETERNA.

Dan jgħallimna li għandna napprezzaw il-ħajja umana: inħaddmuha bl-akkumpanjament tal-grazzji li nakkwistaw il-ħin kollu, speċjalment meta aħna fl-istat ta' grazzja santifikanti, biex b'hekk naslu għall-ħajja ta' dejjem.

*Konklużjoni Prattika*: — Ngħożżu dejjem il-grazzja t'Alla u nħarsuha fina permezz tas-sagramenti u tal-mezzi spiritwali l-oħra, biex hekk id-dinjita' umana tagħha inżejnuha u nsaħħuha bil-libsa u s-saħħa tal-grazzja li twassalna għall-glorja eterna.



# L-IDEAL SERAFIKU FOST L-AHWA TAL-FQAJJAR FRANGISKU TA' ASSISI

**Gwido Scicluna, kapuċċin**

San Franġisk ta' Assisi, il-Fqajjar Serafiku, kif hu magħruf illum — l-appostlu tal-paċi, il-poeta tan-natura, huwa mingħajr dubju wieħed fost dawk li l-iżjed għarfu jifhmu u jnisslu fihom u jqiegħdu fil-prattika l-Vanġelu tal-Beatitudini u tal-Ferħ Nisrani.

Naraw lill-Franġisku, fil-fjur taż-żgħożija tiegħu jwarrab il-ġid ta' din l-art, il-pjaċiri u l-frugħa tad-dinja. Narawh ukoll ineħħi l-ilbies eleganti biex ixedd iċ-ċoqqa, jitħażżem b'ħabel, jitlaq ħafi u rasu mqaxxra mat-triqat tal-ibliet u rħula jxandar ma' kullimkien il-maħfra u l-penitenza bħal appostlu tas-sliem u l-ġid.

Franġisku kien jgħaddi sigħat sħaħ ikellem l-għasafar u l-ħut, imelles l-ħrief u jgħannaq il-lupu. Dan l-ideal għoli ta' tjubija u mħabba flimkien mal-ferħ anġeliku qatt ma ħallieh, anzi kien dejjem jikber fih iżjed ma jikber fiż-żmen u fil-virtu'. Alla stess ma naqasx li juri kemm kien jitgħaxxaq bl-imġieba li l-qaddej tiegħu Franġisku kien iġib

ruħu u lanqas ma naqas li jimlieh bil-konsolazzjoni meta l-Qaddis kien iġarrab tbatija u wġiegħ. B'hekk Franġisku seta' jsaħħaħ il-qawwa tal-ferħ tiegħu u jitfaċċa quddiem id-dinja bħala xempju ideali ta' għaxqa perfetta ma' Alla — ma' l-Aħwa — u man-Natura.

## MA' ALLA

Franġisku dejjem ħabb lil Alla b'ħerqa kbira. Ukoll meta kien għadu żagħżugħ, joħlom b'ideali ta' mħabba tad-dinja u glorja ta' l-art; f'qalbu kienu dejjem jiddominaw il-biża' u l-imħabba ta Alla. Huwa qatt ma warrab it-tbissima minn fuq xoftejh jew il-ferħ minn qalbu quddiem kull għamla ta' prova u sagrifiċċju li s-sejħa li ħaddan kienet timponi.

Min jaf kemm-il darba mitluf fi ħsibijiet tal-misteri tal-fidwa tagħna, infaqa' f'biki u lfieq f'riġlejn il-Kruċifiss. Kemm-il darba wkoll il-biki tiegħu nbidel f'dgawdija! Franġisku kellu jniedi fost il-bnedmin il-wasla ta' beatitudidni ġdida jew ta' ferħ li bih jista' jiġi mħares is-sliem imwiegħed minn Kristu għal dawk li jimxu warajH. Il-biki ħelu li kien qed iġarrab kien ser iwasslu biex jeqred id-dawl ta' għajnejh. Filwaqt, Franġisku, ippreferixxa li jitlef dan id-dawl milli jirrinunzja l-biki li bih l-ispirtu tiegħu seta' jara aħjar il-perfezzjonijiet tal-għaġeb tal-Mulej.

## MA' L-AĦWA

Ma setax jonqos li l-ħajja li ħaddnu l-Aħwa fqajrin li jimxu wara l-missier tagħhom Serafiku ma kinetx tabilħaqq iebsa u tqila. U biex l-ideal franġiskan jiġi mwettaq, Franġisku nnifsu fir-Regula tiegħu niżżel bħala pedament biex fuqu l-Aħwa jibnu l-ideal tagħhom: faqar assolut, ubbidjenza perfetta, safa sħiħ, umilta' profonda, mħabba, mgħodrija, penitenza, żelu appostoliku, ħarba totali mill-frugħa tad-dinja, minn kull ġibda tas-sensi, minn kull qerq ta' satana, u diversi virtujiet oħrajn.

Għaldaqstant kien jenħtieġ li t-toqol tal-ħruxija jitħaffef bil-ħlewwa tal-kelma, bit-tbissima tal-wiċċ, bil-għana tal-qalb u x-xoftejn li b'ferħ sinċier kellhom iferrħu għemilhom u ħajjithom bil-fwieħa tas-sema.

Franġisku huwa magħruf bħala l-Qaddis ta' l-Imħabba profonda u universali. Ftit kienu jafu jħobbu 'l Alla bħalu u f'Alla kien iħobb lil Ħut. Huwa kien twajjeb u ġeneruż ma' kulħadd b'mod ewlieni ma' dawk li kienu jenħtieġu kull għajnuna: **Mal-Midimbin!** Lilhom kien ifarraġ, jifdi bil-kelma t-tajba u t-tbissima. **Mal-Morda!** Għalih kienu l-mira ewlenija tal-kura ġeneruża. Kien ifejjaqhom mhux biss mill-mard fiżiku imma wkoll f'ruħhom.

Dan għalih kien appostolat ta' tjubija, imħabba u ferħ fil-Mulej. Difatti huwa stess kien jistqarr: "Kont inħossha morra li nara l-imġiddmin, iżda l-Mulej ħadni fosthom u ġietni ħniena minnhom u wara li tlaqt dak l-imrar inbidel fi ħlewwa tar-ruħ u tal-ġisem......"

## QUDDIEM IL-ĦOLQIEN

Wara Alla hemm il-bnedmin, imbagħad in-natura. Franġisku kien jagħraf wisq tajjeb il-bogħod li jifred dawn it-tliet termini u kien persważ li bejniethom ma kienx hemm ebda abbiss li ma setgħux jintlaħqu bejniethom. Franġisku għalhekk kien jaf wisq tajjeb jgħaqqadhom fil-ħsieb tiegħu, kif fil-fatt huma magħqudin fir-realta' u fil-ħajja. Kien għalhekk iħobb ikanta bil-ferħ l-imħabba dwar dak li kien sabiħ — safi — kbir fid-dinja. U din l-imħabba lejn il-ħwejjeġ maħluqa ġegħlitu kemm-il darba jgħanni lill-ħolqien.

Mhux biss l-annimali kienu joqogħdu għall-kelma tiegħu imma wkoll l-iżjed ħwejjeġ insensibbli bħal dak ix-xewk tal-Porzjunkula li nbidel f'ward, l-ilma li nbidel f'imbid biex jagħtih forza meta kien f'ermitaġġ ta' San Damjan. Għalhekk kien isejjaħ il-kreaturi kollha bl-isem sabiħ ta' Ħuh jew Oħtu, u ta' spiss jistedinhom biex miegħu jfaħħru — jitolbu — jbierku l-Ħallieq tas-sema u l-Art.

U filwaqt li minn hemm fuq ikompli jħares, jitbissem u jberikna biex aħna nissuktaw fl-ideal ta' ferħ, ġabra u sliem inkomplu nagħmlu l-ħila tagħna biex nilbsu kuljum is-sentimenti tiegħu fir-relazzjonijiet tagħna ma' Alla, ma' ħutna u mal-Ħlejjaq kollha.



# HABARI GANI?

## [X'Ghandna?, Kif Inti?]

Nhar il-Ħadd, 18 ta' Ottubru fil-Knisja kollha tiġi ċċelebrata l-Ġurnata Missjunarja. Din hija ġrajja importanti ħafna fil-ħajja tal-Knisja. Nistgħu ngħidu li l-importanza ta' din il-Ġurnata dejjem aktar qiegħda tikber. Forsi qatt daqs illum ma kienet hekk kbira, hekk meħtieġa li ssir malajr il-ħidma li l-Mulej ried jafda lill-Knisja, meta qal: "Morru, mela, għamlu dixxipli mill-ġnus kollha" (Mt. 28, 19; ara Mk. 16, 15). Il-Knisja llum, aktar minn qatt qabel, għandha tagħmel tagħha kliem l-Appostlu Missierna: "Ħażin għalija jekk ma nxandarx l-Evanġelju" (1 Kor. 9, 16). Bil-għan li nkomplu nuru l-kobor ta' l-importanza tal-Ġurnata Missjunarja fi ħdan il-Knisja ta' żmienna, sejrin f'dawn il-paġni bħal dejjem iddedikati għall-ħidma missjunarja, inġibu siltiet mid-diskors tal-Papa Ġwanni Pawlu II li għamel għal din l-okkażjoni.

*Il-Ġurnata Missjunarja hi okkażjoni mill-aħjar biex kulħadd jintebaħ bid-dmir tiegħu lejn il-missjonijiet, u biex il-membri kollha tal-Knisja, hu x'inhu x-xogħol tagħhom u posthom fil-Knisja, jiġu mfakkra li huma li huma lkoll marbutin b'dan id-dmir. Kulħadd jeħtieġlu jaħseb sewwa fuq il-kliem iebes tal-Konċilju Vatikan II meta jgħid li l-Knisja kollha kemm hi, hi Knisja Missjunarja, li l-ħidma għax-xandir tal-Evanġelju hi dmir fondamentali tal-Poplu kollu ta' Alla* (Ad Gentes 1), *u li kull dixxiplu ta' Kristu għandu parti x'jaqdi fil-ħidma għax-xandir tal-fidi* (Lumen Gentum 15). *Jeħtieġ li ntennu bla heda t-tagħlim tal-Konċilju, imfisser f'tant dokumenti, studjat aktar fil-fond mis-Sinodu tal-Isqfijiet tal-*1974, *u miġbur mill-Papa Pawlu VI fl-esortazzjoni appostolika* "Evangelii nuntiandi" *tat-*8 *ta' Diċembru* 1975.

**IL-QADI MISSJUNARJU TAL-PAPA**

*Hu dmir il-Papa jfakkar lil ħutu kollha fi Kristu b'dan id-dmir missjunarju. Bħala r-ragħaj il-Kbir tal-Knisja kollha kemm hi missjunarja, hu għandu jkun l-ewwel missjunarju, ħerqan li jkun jixbah 'il Kristu l-ewwel u l-akbar ħabbar tal-Evanġelju, huwa u jħalli jmexxih l-Ispirtu s-Santu "l-awtur ewlieni tax-xandir tal-Evanġelju"* (*Evanġelju nuntiandi* 75).

*Minn mindu sirt Papa, bdejt naħseb fuq il-kliem tal-Konċilju Vatikan II fejn jingħad li lis-Suċċessur ta' San Pietru "ġiet fdata b'mod speċjali l-ħidma kbira li jxandar l-isem nisrani"* (*Lumen Gentium* 23). *Bħall-Papa ta' qabli l-Papa Pawlu VI, bdejt nivvjaġġa biex inżur ħafna pajjiżi, fejn f'xi wħud minnhom, Kristu bil-kemm hu magħruf u t-tħabbira missjunarja tal-Evanġelju għad m'hijiex mitmuma.*

## ID-DMIR TAL-FAMILJA LI XXANDAR L-EVANĠELJU

*Jiena u nsejjaħ lil kulħadd biex igħin fil-ħidma missjunarja, irrid l-ewwelnett inkellem il-familji nsara. Iż-żminijiet tagħna jeħtieġu li l-familja terġa' tikseb l-importanza, il-ħajja u l-qjies li kellha fl-imgħoddi.*

*L-evanġelizzazzjoni tal-familja hu għalhekk l-għan ewlieni ta' kull ħidma pastorali; u l evanġelizzazzjoni ma tilħaqx l għan sħiħ tagħha jekk il-familji nsara ma jsirux familji missjunarji, familji li jxandru l-Evanġelju: kemm il-ġenituri u kemm l-ulied, meta jagħarfu sewwa, fil-fond, x'titlob minnhom, individwalment il-kuxjenza tagħhom bħala nsara, jaslu biex jifhmu wkoll li għandhom ħidma x'jagħmlu u għandhom sehem importanti fil-ħajja nisranija tal-membri l-oħra kollha tal-familja.*

*Hi ħaġa żgura, li, kemm f'dak li għandu x'jaqsam mar-reliġjon, u kemm f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħajja tal-bniedem fid-dinja, dak li tista' tagħmel il-familja jiddependi mill-ġenituri, jekk jagħarfu sewwa x'inhuma r-responsabbiltajiet tagħhom, jekk jagħarfu x'jiswew bħala nsara. Għalhekk irid inkellem lilhom b'mod speċjali. Bi kliemhom, bixxhieda ta' ħajjithom, kif tgħallem l-eżortazzjoni appostolika "Catechesi tradendae", il-ġenituri huma l-ewwel katekist ta' wliedhom (aran. 68). F'din il-ħidma ta' katekesi, it-talb għandu jkollu l-ewwel post, quddiem nett; u ħalluni ninsisti fuq dan.*

## XHIEDA MISSJUNARJA FIL-FAMILJA

*Dan jissoponi li l-ulied fi ħdan il-familja bil-fatti jitgħallmu li hemm ħwejjeġ oħra wisq aktar importanti mill-flus, mill-vaganzi, mid-divertiment. Imbagħad l-edukazzjoni mogħtija lil ulied twassalhom għal ħidma missjunarja bħala ħidma li tagħmel sħiħa l-ħajja nisranija tagħhom, u għaliex il-ġenituri tagħhom u l-edukaturi l-oħra huma mimlijin bl-ispirtu missjunarju, spirtu li ma tistax tifirdu mill-veru sens tal-Knisja.*

*Bl-eżempju, aktar milli bil-kliem, il-ġenituri jgħallmu 'l uliedhom ikunu ġenerużi ma' min hu dgħajjef jaqsmu twemminhom u ġidhom mat-tfal u żgħażagħ li ma jafux 'il Kristu jew huma l-ewwel vittmi tal-faqar u ta' l-injoranza.*

*Imbagħad il-ġenituri nsara jaslu biex iqisu l-bidu ta' vokazzjoni saċerdotali jew reliġjuża missjunarja bħala wieħed mill-isbaħ ċertifikati li jista' jkollhom ta' kemm kienet tajba u sewwa t-trobbija nisranija li huma taw 'l uliedhom, u għalhekk jitolbu 'l Alla biex jagħtihom din il-vokazzjoni lil xi ħadd minn uliedhom.*

*Il-ħerqa għall-missjonijiet b'hekk tidher bħala element meħtieġ għall-qdusija tal-familja nisranija.*

**NHAR IL-ĦADD, 18 TA OTTUBRU**

**INKUNU, AKTAR MIS-SOLTU ĠENERUŻI**

**FIT-TALB . . .**

**FIS-SAGRIFIĊĊJU . . .**

**FIL-GĦOTJIET . . .**

**B'RISQ IL-ĦIDMA MISSJUNARJA**



*Fl-aħħar qtajt xewqa oħra li dejjem kelli li mmur fuq din il-muntanja qaddisa fil-Kappella fejn San Franġisk irċieva l-Pjagi (il-kappella mibnija wara!); u hemm qgħadt nitlob, fis-skiet tan-natura — inzertat ġurnata li ma tantx kien hemm nies — Kien il-Ħamis* 21 *ta' Mejju,* 1981.

*LA VERNA hija waħda mill-muntanji kbar u għolja bejn Firenze u Urbino, taħt San Marino. L-iktar quċċata għolja tagħha hi ta'* 1283 *metri (jiġifieri iktar minn* 4 *darbiet iktar mill-għoljiet ta' Ħad-Dingli, l-iktar post għoli f'Malta).*

*Din il-muntanja kienet proprjeta' ta' wieħed li meta sar jaf li San Franġisk kien iħobb ifittex postijiet hekk imwarrba biex jitlob, tahielu għalih u għall-patrijiet tiegħu. L-ewwel darba li mar hemm San Franġisk kien fl-*1214 *u l-aħħar darba, meta rċieva l-Pjagi, kien eżatt fl-*1224, *sentejn qabel ma miet.*

*Din il-muntanja għandha karatteristiċi speċjajli: fost l-oħrajn hija kollha xpakkata, maqsuma, b'ħafna xquq wesgħin u profondi, għerien li ġieli jinżlu ħafna 'l isfel. Hawn San Franġsk kien iqatta' żmien twil jitlob. F'waħda mill-estasi tiegħu, ġie lilu mgħarraf li dawn l-għerien, qsim kbir ecc. kien kollu sar bit-terremoti kbar li kienu saru meta MIET KRISTU: "u l-art inqasmet" igħid l-Evanġelju... Dan kien aktar idaħħal lil San Franġisk f'meditazzjonijiet profondi u f'għaqda sħiħa ta' ĦBIBERIJA U TBATIJA ma' Ġesu' Imsallab.*

# IL-ĦBIBERIJA MA' L-IMSALLAB

1. Dawn il-kelmiet tiegħek, o Ġesu', inħosshom jiġbru fil-qosor ħafna l-Messaġġ kollu tal-Vanġelu għalija. L-iktar f'post bħal dan, fejn inti wrejt lil San Franġisk il-milja ta' l-imħabba tiegħek lejh, u hu, bħala ħabib tal-qalb kien ilissen din t-talba sabiħa:

*"Mulej Ġesu', żewġ grazzji nitolbok tagħtini qabel ma jien immut: L-EWWEL agħmel li jien inħoss f'ruħi u f'ġismi, kemm huwa possibbli, dik l-istess tbatija li inti, o Ġesu', sofrejt fil-ħin tal-Passjoni tegħek l-iktar ħarxa. IT-TIENI agħmel li jiena nħoss f'qalbi, kemm huwa possibbli, dik l-imħabba straordinarja li biha, Int, o Iben t'Alla, kont mħeġġeġ u hekk stajt issofri għax ridt inti dik il-Passjoni hekk ħarxa għalina midimbin".*

Din l-istedina tiegħek hi l-isbaħ stedina li qatt tista'tagħmel Int, Alla Kbir, Setgħan, Qawwi, Qaddis, u fuq kollox IMĦABBA. Inti tistieden lil-bniedem...... lili biex inkun ħabib tiegħek; biex miegħek naqsam ħajti, u inti miegħi taqsam ħajtek divina; u dan bil-konsegwenzi kollha li ġġib magħha ħbiberija bħal din: Int sirt Bniedem, batejt, mitt u qomt għal ħajja ġdida; u jien jekk tassew irrid naqsam ħajti miegħek irrid ngħix ukoll kollni għalik, dejjem u f'kull waqt!

Grazzi Ġesu', li għażilt lili wkoll... bħal u flimkien ma' tant oħrajn, uħud minnhom qaddisin tassew kbar, biex inkunu fost il-ħbieb teigħek. KEMM INTI KBIR FI MĦABBTEK...... Imħabbtek qatt ma tonqos; mhux bħal fostna bnedmin. Inti, aktar ma jkollok min iħobbok, iktar l-Imħabba tidher fil-kobor u fis-sbuħija tagħha...... hija infinita ma' kull wieħed mill-ħbieb tiegħek.

U mbagħad, fuq kollox, lili sejjaħtli biex inkabbar u nżidlek iċ-ċirku ta' ħbieb, ħalli wara — jew waqt — li nħobbok jien kif jixraqlek, oħrajn ukoll ikunu jistgħu iħobbuk.

2. MULEJ, int sejjaħtli biex inkun tiegħek, biex inkun fost dawk li huma tiegħek, li jgħixu għalik, li trid tkun Inti l-Ideal tagħhom, li jaħdmu miegħek u li jfittxu dejjem ir-Rieda qaddisa tiegħek. Quddiem il-figura ta' San Franġisk li għex hekk, fi grad tant għoli, li tista' biss tħares u tibqa' mistgħaġeb,...... inħossni żgħir wisq, inħossni nagħmel ftit wisq, kważi xejn, biex ngħix is-sejħa ta' l-imħabba li għaliha tistedinni. Hu sar xbiha ħajja, kompleta, sħiħa, tiegħek; anke mmarkat bil-Pjagi tiegħek ridtu.

Iżda għalkemm hekk dgħajjef, nirringrazzjak li lili wkoll sejjaħtli biex inkun xbiha LIMITATA tiegħek. Inti tridni nkun il-kontinwazzjoni tiegħek ILLUM; fost tant nies li jafuk u li jixtiequ jħobbuk; u fost tant nies li jwarrbuk u ma tantx iridu jafu bik. Inti tridni llum ukoll nħobb bħalma ħabbejtna inti...... Trid tħobb lill-bnedmin permezz tiegħi; u tridni, bħalek, nagħti ħajti kollha għalik u għalihom... San Franġisk hekk għamel, fil-ftit snin li għex fi tbatija l-iktar kbira u fi mħabba tixbaħ lil tiegħek.

3. MULEJ, inti sejjaħtli biex infittxek u biex inħobbok DEJJEM u f'KOLLOX. Fuq din il muntanja qaddisa (La Verna), San Franġisk kien jgħaddi ġimgħat sħaħ fit-talb u fil-penitenza; kien irid iħalli kollox biex isibek, biex isaħħaħ ir-rabta tiegħu miegħek; hekk imbagħad hu kien ikun jista' jersaq quddiem il-bnedmin dejjem iktar mibdul fik.

Għallimni dejjem aktar infittxek jien ukoll f'kollox, infittxek kullimkien: nitgħallem infittxek fis-sħab sabiħ u fid-dawl, fix-xemx; u nfittxek u nsibek ukoll fis-sħab iswed, fid-dlam, fil-lejl. NAF li hemm tinsab inti wkoll; iżda nixtieq nemmen aktar fik f'dan il-mument.

Għallimni infittxek u nsibek fil-proxxmu kollu: f'min iħobbni, f'min iridli l-ġid f'min hu qrib tiegħi

dejjem...... u wkoll f'min ifixkilli ħajti, f'min seta' jew jista' jagħmilli d-deni; f'min ma jurinix imħabba...... Kemm għadhom sbieħ jidwu l-kemiet tal-Papa wara l-attentat fuq ħajtu: "Nitolbok, Mulej, għal ĦIJA li pprova jagħmilli l-ħsara......"

Nixtieq nitgħallem nfittxek f'mi u hu fil-bżonn f'min hu marid, f'min hu qrib tiegħi, u f'min hu fil-bogħod.

Nixtieq infittxek u nsibek fiċ-ċirkustanzi kollha tal-ħajja ta' kuljum... kemm meta l-affarijiet jiġru kif inkun nixtieqhom jien, u kemm meta l-affarijiet jiġru bil-maqlub jew kontra x-xewqat tiegħi.

Nixtieqek tgħinni biex insibek dejjem kull fejn l-Ubbidjenza għar-Rieda tiegħek tqegħedni; Nixtieq inkun dejjem hieni miegħek f'kollox għax inkun naf li qed nagħmel dak li trid minni inti.

5. F'POST BĦAL DAN, fejn San Franġisk xtaq iħoss fih dik it-tbatija li ħassejt inti stess meta kont fuq is-Salib, kemm jiġu aktar ċari t-tbatijiet tiegħek: għalija u għal dawk kollha li tħobb b'mod speċjali... Niftakar f'kemm tbatija ssofri minħabba l-istess ħbieb tiegħek; ftakart ħafna fl-appostli: Ġuda, Pietru, u l-oħrajn li ħallewk. Ftakart fit-tradiment ta' Ġuda, fiċ-ċaħda, fl-abbandun minn kulħadd...... u ftakart li JIEN kont hemm, fost dawn......

Ftakart li jien fost dawn ukoll; illum ukoll xejn inqas mill-bieraħ! Kemm inġagħalek isofru, ĠESU', għax jien inħallik, nitbiegħed minnek ma nfittxekx kemm suppost, b'qalbi kollha, b'moħħi kollu!

Kemm nixtieq nitolbok mill-qalb, b'insistenza, b'fidi kbira, u fuq kollox bi mħabba biex jien ma nkun qatt, illum, li nġagħalek issofri għax xi darba nitilqek, inwarrbek, nagħtik il-ġenb...... għax ma tibqax inti l-EWWEL u l-AQWA ħaġa għalija; għax ma tibqax l-unika Persuna li jien għandi nħobb fuq kollox u qabel kollox: Tħallini qatt nitbiegħed minnek! Anzi għinni nibqa' dejjem qrib tiegħek biex nifraħ flimkien bil-ħbiberija ta' xulxin. Inti bħala r-Ragħaj Tajjeb tifraħ bin-ngħaġa l-mitlufa li ssib u jien nifraħ bik: ir-Ragħaj u s-Sid tiegħi.

Kemm huma sbieħ kliem is-Salmista "Hemm il-milja tal-ferħ quddiemek; hemm il-għaxqa għal dejjem f'lemintek" (Salm 15).

.6 NIXTIEQ UKOLL, ĠESU', waqt li nara l-Imħabba kbira tiegħek li ġagħalitek issofri tant għalija u meta niftakar li San Franġisk ried hu wkoll isofri f'ġismu għal Imħabbtek...... NIXTIEQ ukoll nitgħallem insofri xi ftit għalik: insofri f'kollox, f'kull ċirkustanza li tippermettili ngħaddi minnha Nixtieq nilqa' kollox bl-imħabba; ANZI nitgħallem infittex mezz oħra, anke ordnarji, li bihom inbati għall-Imħabba tiegħek.

Naf li fil-ħajja ta' kuljum hemm bosta ċirkustanzi minn dawn!

Fil-ħajja reliġjuża hemm wisq aktar okkażżjonijiet li ma rridx inħallihom jaħarbuli: fir-relazzjonijiet ma' sħabi, ma' ħbiebi, ma' kull min niltaqa'...... Kemm okkażżjonijiet biex inbati għalik u għall-Imħabba tiegħek......



Mulej: agħtini wkoll FERĦ fit-tbatija; għinni nfittex kull mezz biex inbati għalik...... Ma narak imdendel fuq s-Salib b'idejh u riġlejk imtaqqba bl-imsiemer, qalbek minfuda, bil-kuruna tax-xewk, fost tant tbatija, wara flaġellazzjoni hekk kbira, u insulti b'kull mod u minn kull naħa, wara li erfajt is-Salib it-triq kollha tal-Kalvarju, sal-aħħar...... ma nistax ma narax, JIEN UKOLL, kif insib xi mezz biex nitgħallem nerfa' t-tbatija tal-ħajja ta' kuljum bil-FERĦ u bl-IMĦABBA.

Irrid nitgħallem inbati għalik u għall-Imħabba tiegħek;

Irrid nitgħallem infittex din it-tbatija u nsir inħobbha.

7. U din it-tbatija kollha tiegħek komplejtha BIEX TWETTAQ IR-RIEDA TAL-MISSIER: Kemm jidher ċar dan:

"L-ikel tiegħi hu li nagħmel ir-rieda tal-Missier" (Ġw 4,34);

"Jien għalhekk ġejt fid-dinja biex nagħmel ir-rieda tal-Misser";

"Missier mhux kif irrid jien iżda kif trid inti jsir fja";

Ma kenitx ħafifa r-rieda tal-Missier; Hu talab minnek is-sagrifiċċju ta' ħajtek! Iżda inti dejjem pront lissint: "Hawn jien ġej, Missier, biex nagħmel ir-rieda tiegħek" (Lhud 10,7).

U inti għamilt minn kollox biex tkompliha sa l-aħħar; b'eżempju għalija.

Għallimni nkun aktar konxju ta' dan: ta' kemm kellek tbati tul il-Passjoni, fuq is-Salib biex proprju twettaq ir-Rieda tal-Missier! MULEJ, ĠESU', meta quddiemi tidher ir-rieda tal Missier, fl Ubbidjenza, fiċ-ċiskustanzi tal-ħajja, f'bidla ta' appostolat, f'bidla ta' ħbieb ,ikolli mmur minn post għal ieħor...... qawwi, nitolbok ir-rieda dgħajfa tiegħi, biex *titwaħħad* ma' tiegħek, u hekk inwettaqha bil-ferħ u bil-ħeffa...... u bl-imħabba .

MULEJ, ĠESU', meta tgħarrafni r-rieda tiegħek fir-Regola tiegħi: għinni biex nurik ftit AKTAR fedelta'...... ġenerożita'...... Nagħraf u niftakar kemm batejt inti; u għalhekk nissaħħaħ u NKOMPLI DAK LI INTI TKUN TRID MINNI KIF TFASSLU INTI... GĦALIJA......

**Silvestru Bonavia, kapuccin**



# IT-TALB FIL-HAJJA



Santa Klara hija waħda mill-erwieħ kontemplattivi l-kbar. Ħajjitha kienet djalogu kontinwu mal-Mulej. Għax min iħobb irid joqgħod fejn il-maħbub tiegħu u Klara kienet tħossu dan il-bżonn li toqgħod qrib t'Alla, l-uniku oġġett ta' qalbha; tadurah, tirringrazzjah u tfaħħru. Sħabha qalu fuqha li "kienet tgħaddi l-parti l-kbira tal-lejl u l-jum fit-talb". Hekk li kienu jitħassruha.

L-ittri tagħha jikxfu xi ftit dan id-don tal-Kontemplazzjoni li kienet imżejjna bih. Lil Ermentrude qaltilha, "Ħobb b'qalbek kollha

lil Alla u lil Ibnu Ġesu' li ssallab għalina. Immedita mingħajr waqfien fuq il-misterju tas-salib u d-duluri t'Ommu Marija Ss.ma. **Ishar u itlob bla ma taqta'**". Dak li kienet tirrikmanda lis-sorijiet tagħha kienet tagħmlu l-ewwel waħda hi. Matul l-erbgħin sena filħajja reliġjuża, disgħa u għoxrin sena minnhom għaddiethom fis-sodda marida. Celano jgħidilna li fil-mard tagħha ħsibijietha kienu l-ħin kollu fil-Mulej. Maħlula minn kull ġibda tal-ġisem u tad-dinja hija setgħet bilħeffa tehda b'dak li hu ta' l-ispirtu. Kienet iżżomm qalbha kontinwament miftuħa biex tilqa' l-grazzji tas-sema u tarda' min-nixxiegħa tal-ħajja. Santa Klara kellha l-għatx t'Alla. Xejn ma kien jimla l-qalb kbira tagħha. HU biss! Fuq kollox kienet tixtieq l-Ispirtu t'Alla u l-ħidma tiegħu fiha. Lis-sorijiet l-oħra kienet tgħallimhom jixtiequ u jixxenqu għall-istess ħaġa. U sew jekk kienet tkun il-Kor ma' sħabha għall-kant tal-Uffizju, sew waqt ix-xogħol hija ma kinetx taf tagħmel ħaġa oħra ħlief toqgħod mal-Mulej.

# TA' SANTA KLARA

Għall-Uffizju ta' bil-lejl kienet tkun l-ewwel waħda. Hi kienet tqajjem is-sorijiet l-oħra, hi kienet tixgħel ix-xemgħa, tipprepara l-artal u ddoqq il-qanpiena. U kienet tkun l-aħħar waħda li terġa lura fis-skiet taċ-ċella. Flimkien ma' sħabha, huma kienu jqaddsu l-ħinijiet tal-lejl, ibierku u jfaħħru l-isem t'Alla jiġbdu ħafna grazzji fuq d-dinja kollha. Sħana u bard, b'inhar u bil-lejl it-talb u l-kant tal-ewwel sorijiet Klarissi qatt ma qata' u hekk baqgħet tinżamm it-tradizzjoni sallum li aħna s-sorijiet Klarissi mad-dinja kollha nqumu bil-lejl infaħħru l' Alla bil-Liturġija tas-sigħat.

Għal Santa Klara l-ħajja liturġika kienet ħajja. Permezz tal-liturġja l-misterji ta' Kristu għamlithom tagħha. Kienet titqarben b'fervur u d-dmugħ f'għanejha. Meta minħabba l-mard ma setgħetx iktar tmur massorijiet l-oħra għaċ-ċelebrazzjonijiet Ewkaristiċi u l-kant tal-Uffizju, hija kienet titnikket. Darba minnhom, kien il-lejl tal-Milied, meta rat lill-oħrajn sejrin il-kor għall-Matutin qalbha ingħafset u din id-darba ħallietha titkellem, u qalet, "Mulej, Alla tiegħi, arani hawn kif bqajt waħdi". Iżda l-Mulej huwa tajjeb u ħanin. Ma damx ma laqa' t-talba tagħha u biddel kull morr fi ħlewwa. X'ġara? F'daqqa waħda semgħet f'widnejha kant sabiħ tas-salmi li kien qed jitkanta mill-patrijiet fil-knisja ta' S. Franġisk. Semgħet ukoll id-daqq ħelu tal-orgni u rat ukoll il-maxtura tal-Bambin Ġesu'. Qalbha imtliet b'ferħ kbir u l-għada fil-għodu meta sebaħ qalet lis-sorijiet, "Bierku lis-Sinjur tagħna Ġesu' Kristu li ma telaqnix waħdi. Bil-grazzja tiegħu stajt nieħu sehem fiċ-ċerimonja li saret fil-knsja ta' Missierna S. Franġisk". U minħabba dan l-episodju S. Klara ġiet magħżula bħala l-patruna tat-Televiżżjoni.

Santa Klara kienet titlob daqskemm ħabbet, jiġifieri dejjem. Irnexxilha għalhekk tikber dejjem iżjed fl-intimita mal-Mulej Ġesu'. U għamlet minn ħajjitha kantiku wieħed ta 'tifħir. Qalbha kienet taħraq għal Alla u qatt ma kien biżżejjed li tishar u titlob. Nitolbuha aħna wkoll, uliedha, biex tnissel fina l-istess spirtu tat-talb biex bħalha nittrasformaw ruħna, u ngħaddu ħajjitna fit-tifħir tal-glorja tiegħu.



# ILTQAJT MA' SAN FRANGISK F'ASSISI

**J. Formosa Holt, membru fl-O.F.S.**

Artiklu tassew sabiħ w interessanti fuq San Franġisk kien deher f'Rivista Reliġjuża Ngliża: "The Word" aktar minn għoxrin sena ilu u għal darb'oħra reġa' deher fl-istess Magazine ħames snin ilu, sewwa sew meta s-Serafiku għalaq 750 sena mill-mewt tiegħu. Kienu ħafna dawk li kitbu matul iż-żmien fuq dan il-Qaddis, iżda l-kittieb ta' dan l-artiklu ma kienx għajr ħlief l-'film star' Ingliż **Charles Laughton.** Min kien dan il-personaġġ li qabel miet fl-1962 mar f'Assisi u ried jara b'għajnejh dan l-post qaddis? Għal min ma jafx Laughton li twieled fl-1899 kien wieħed mill-artisti kbar ta' Hollywood li fil-perijodu ta' 30 sena għamel bosta films u li dawk ta' **Henry VIII** u **Captain Bligh** baqgħu magħrufa fid-dinja taċ-ċinema.

"Jiena rajt il-belt ta' Assisi," jikteb Laughton, "u hemm iltqajt ma' San Franġisk". "U iktar ma mxejt f'dan il-post qaddis, iktar kont inħoss il-preżenza tal-Fqajjar tant li fil-ħsieb tiegħi kont nara lil wiċċu kollu qdusija u fl-istess ħin nisma' l-vuċi persważiva tiegħu".

Naqraw fl-istorja li bosta kienu dawk il-Papiet, Kardinali, Poeti u Kittieba ta' fama nternazzjonali li mistgħaġba quddiem l-umilta' u l-faqar tal-Qaddis tagħna riedu jimxu wara l-passi tiegħu. U xejn inqas ma għamel Charles Laughton li mqanqal mill-grazzja ta' Alla, ried jikteb ukol fuq Franġisku ta' Assisi. Dan il-'film star' igħid fil-kitba tiegħu: "iktar ma bdejt nimxi f'din il-belt qaddisa iktar bdejt niftakar fil-mixi li kien jagħmel dan il-Qaddis, imsieħeb minn għadd ta' zgħazagħ li riedu jobdu lil kliem ta' Kristu li kien qal lill-ġuvni għani tal-Vanġelu".

"Ibqa' imxi," igħid Laughton, "u fuq il-passi ta Franġisku minn Assisi inti tasal għand Kristu". Prova ta' dan tgħidilna l-istess storja li fiha hemm imniżżla l-eluf u eluf kbar ta' reliġjużi, irġiel u nisa, kif ukoll familji sħaħ li ħaddnu t-tagħlim Franġiskan. Mhux kuntent il-'film star' tagħna li żar Assisi, ried u mar f'kull post jew għar jew eremitaġġ li l-Qaddis tagħna għadda xi żmien minn ħajtu. Nisimgħu lil Laughton xi jgħid rigward wieħed minn dawn il-postijiet fejn Franġisku u wliedu kienu jitolbu u jfaħħru l'Alla: "B'dan quddiem għajnejja jiena ħassejt i-paċi li Alla jagħti lil dawk li jfittxuh," jikteb Charles, "u din ħassejtha bħal żiffa ħelwa li taħbat ma' wiċċek u iktar tard tinżel f'qalbek u timliek bil-hena li Alla jagħti lil dawk li jimxu warajH".

Charles Laughton qabel temm l-artiklu nteressanti tiegħu ried għal darb'oħra jiftakar fil-knisja tal-Porzjunkula, post qaddis li kien marbut wisq mal-qalb umli ta' Franġisku, u li għadu sallum wieħed mill-postijiet tad-devozjoni għal kull dixxiplu franġiskan. Qrib dan il-post, il-qaddis tagħna ried li jtemm ħajtu għalhekk l-awtur wara li jiddeskrivi b'mod stupend l-aħħar sigħat tal-Fqajjar ta' Assisi fuq l-art, jiftakar fis-Salm 141 tas-Sultan David li jibda hekk: "Sejjaħt lil Mulej b'leħni u b'leħni għamilt talba lil Muej".

Hekk miet is-Serafiku Franġisku u Laughton bħal ħafna oħrajn qablu, mimli b'qima kbira lejn dan il-persunaġġ singulari li għadu sal-ġurnata tal-lum l-animazzjoni ta' bosta ġenerazzjonijiet, itemm l-artiklu mħeġġeġ tiegħu b'dawn il-kelmiet: "Jiena ferħan li mort Assisi u hemm iltqajt ma' San Franġisk".

# Some Present-Day Realities and their Impact on Our Identity as Capuchins To Day

## Franciscan Capuchin Identity

**The identity of the Franciscan Capuchin is that of living in fraternity and minority, following Christ in Chastity, Poverty and Obedience as taught by the Gospel. Through a life of contemplation followed by that of dedicated apostolate. the Capuchin is bound to be the prophet of the Crucified Christ among the physical andh spiritual sufferings of humanity.**

## Positive and Negative Present-day Realities

In our present times the Franciscan Capuchin Order ,as a fraternity incarnated into the world for its continious redemption is facing various new realities: social, economical, scientifical, cultural and religious. Some of these present-day realities are offering a favourable challenging opportunity to appreciate more the richness and validity of the Franciscan Capuchin Charism. But on the other hand, we notice also, as a result of the day-to-day world-wide changings, the negative impact on our identity as Capuchins today.

## Full-time Apostolate and Fraternity

As a result of the rapid progress in all sorts of social communications, we are more aware of the problems of humanity. The Church, feeling that it is her duth to be on the front-line, is involving herself in the various fields of daily life, both temporal and spiritual. This work is being done with all dedication.

The Franciscan Capuchin influences by this trend of full-time apostolate of total involvement in the world, sometimes is giving preference to pastoral work outside the fairy with a detriment to the life in fraternity.

The main characteristics of the Franciscan Capuchin Fraternity, so much dear to our Founder, as a result of the above mentioned involvement in the world are in a shaky state. The life of community prayer and contemplation, the life of community sharing in joy and suffering is losing its primary importance in some of our fraternitics. Is there anyone who can deny that some of our friaries could be simply termed "hostels"?

## Full-time Apostolate and Prayer

Marxism is having its impact also on our fraternity's identity. The theory of man's evaluation from his work-production is becoming the standard-measure

of our vocation. It is important to remember in this context, the words that St. Francis addressed to the preachers: "Why do you glory over men who have been converted when it was my simple brothers who converted them by their prayers?" (2 Cel., n.164). The life of contemplation in our fraternities needs to be rediscovered in order to be lived in its fulfilment.

## Franciscan Capuchin Apostolate

Contemplation by itself is not the basic element of our "form of life". This must be followed by a direct involvement in man's affairs. "They (the first franciscans) all conferred together, as true followers of justice whether they should dwell among men or go to solitary places. But St. Francis, who did not trust in his own skill, but had recourse to holy prayer before all transactions, chose not to live for himself alone, but for Him "who died for all", knowing that he was sent for this that he might win for God the souls the devil was trying to snatch away" (1 Cel., n.35).

The misunderstanding of pluriformity exerts a negative impact on the present-day Franciscan Capuchin Apostolate. In our roles of life while we must respect pluriformity as a healthy means to one's own personality, on the other hand we must also safeguard the charismatic unity which builds up our own identity amongst the people of God.

Our apostolate, although various, must always be done in the franciscan style of poverty, simplicity and minority: "Francis, therefore, the most valiant knight of Christ, went about the towns and villages announcing the kingdom of God, preaching peace, teaching salvation and penance unto the remission of sins, not in the persuasive words of human wisdom, but with the learning and power of the Spirit" (1 Cel., n.36).

Let the programme of formation be always oriented to this type of apostolate.

## Franciscan Capuchin Ecclesial Dimension

The various present ideologies and different trends, mostly regarding philosophical and theological studies, with their negative impact on the clergy and religious in general is a present-day problem within the Church. In this present historical context, the Franciscan Capuchin must live his charism of a total and absolute obedience to the Church (cfr. Introduction to Rule 1).

So, regarding formation, both initial and on-going, greater importance must be given to the authenticity of the "magisterium".

## Total Obedience

The crisis of authority is a world-wide social, cultural and political problem. Nevertheless it is also felt, and at times very critically felt in ecclesial quarters and in religious life.

So, regarding formation, both initial and on-going, much importance must be given to the know of obedience in all its implications:

a) obedience and reverence to the Church; (cfr. Introduction to Rule II).
b) unconditionl loyalty to the ecclesiastical hierarchy and total submission to the priests, even when they may have been unfavourable or ill-disposed and even when they were ignorant or unworthy; (cfr. Testament; 11 Cel., n.146).
c) obedience and respect within the Order itself, towards the ministers in everything that the friars have promised to God to obey. (cfr. 2 Rule, ch. 10).

Obedience to the Church and in the Church appeared as the first and most important bond that held together the brotherhood of the first friars among themselves and united it to the whole Church. (cfr. C. ESSER, *Origins of the Franciscan Order,* Franciscan Herald Press, Chicago 1970, pp.58-71).

## Poverty

That our society is passing through a period of great materialism and consumism is a present-day reality. The superfluous becomes the convenient: the convenient becomes the necessary: the necessary becomes indispensable.

This is presenting a greater challenge to the Franciscan Capuchin who choses the life of evangelical poverty. This is creating an unfavourable situation for the Franciscan Capuchin who wants to keep alive the identity of his charism by "following the poor Christ".

So a more solid formation, in regard to poverty, is necessary.

## Total Self-offering to God

The Francscan Capuchin is living in a permissive society. The words as penance-conversion and chastity, sound as medieval, out-dated vocabulary. This is another aspect of a present-day reality, a mentality which easily can influence Franciscan Capuchin life in its basic fundamental values.

It is of great importance that, both in the initial and during on-going formaton, the friar receive the authentic and positive teaching about his commitment to continuous conversion in our total self-offering to God.

## Conclusion

These are some present-day realities which the Franciscan Capuchin Order in general and each friar in particular are facing

I am sure that other aspects could have been mentioned; but in this article, I had to limit myself only to the most important characteristics.

**Philip Cutajar, Capuchin**



# KIF NIBZGHU GHALL-HBIEB

Il-ħbieb veri kulħadd iridhom u huma meħtieġa mill-istess natura tagħna. Tant huwa hekk li fil-bidu ta' l-Iskrittura Mqaddsa nsibu dawn il-kliem "Mhux sewwa li l-bniedem ikun waħdu". Biex il-bniedem iħaddem l-personalita' tiegħu għandu bżonn li jgħix u jaqsam ma' ħaddieħor esperjenzi, kliem, ferħ, niket, logħob u xogħol.

Dan hu kollu veru pero' l-qalba tal-kwistjoni hija 'Min huma l-veri ħbieb?' u t-tieni kif għandna nagħmlu biex nibżgħu għalihom dawn l-veri ħbieb jew fi kliem ieħor kif nagħmlu biex mill-parti tagħna aħna nkunu l-veri ħbieb. Mela —

**1 Ħalli li l-ħabib ikun dak li hu:**
Aċċettah kif inhu, b'individwalita', opinjonijet, gosti u imperfezzjonijiet tiegħu.

**2 Għatu wieħed lill-ieħor spazju biex tieħdu n-nifs:**
Ħabib ma jfissirx li ma għandux ikollok ċertu ħsibijiet, ġibdiet, emozzjonijiet privati li dawn ma jista' jaqsamhom ma ħadd.

**3 Kun dejjem lest biex tagħti; u biex tirċievi:**
Lest dejjem biex tgħin u biex titlob l-għajnuna.
La trid tuża l-ħabib u lanqas hu jużak.

**4 Kun Leali:**
Il-lealta hija fedelta. Mingħajr din żgur li l-ħbiberija ma tistax iżżomm għaliex ħbieb kemm fil-bnazzi kif ukoll fil-maltemp.

**5 Għati dejjem kuraġġ u apprezzament:**
Ħu pjaċir bis-suċċessi ta' ħbiebek u ikkumpatih meta jiżbalja.

**6 Kun Onest:**
Żomm dejjem l-arja tal-ħbiberija safja u pura b'ossiġenu tal-verita', pero' jekk tara li inqas kliem is-sitwazzjoni sejra tkun aħjar allura għaqta qasir.

**7 Afda fi ħbiebek:**
Għamel ħiltek kollha biex temmen fil-valuri tajba u intrinsiċi ta' ħbiebek u dawn iroddulek il-ġid. Darba taċċetta d-dubju, il-ħbiberija tispiċċa mimmufih.

**8 Kun lest biex tirriskja:**
Ħabib veru huwa teżor u t-teżori mhux sejjer issibhom f'kull kantuniera tat-triq. Mela ibda ħobb tassew lil ħbiebek, kun int verament ħabib u huma jsiru veri ħbieb tiegħek.

*MUDEST GATT, kapuċċin*

of our vocation. It is important to remember in this context, the words that St. Francis addressed to the preachers: "Why do you glory over men who have been converted when it was my simple brothers who converted them by their prayers?" (2 Cel., n.164). The life of contemplation in our fraternities needs to be rediscovered in order to be lived in its fulfilment.

## Franciscan Capuchin Apostolate

Contemplation by itself is not the basic element of our "form of life". This must be followed by a direct involvement in man's affairs. "They (the first franciscans) all conferred together, as true followers of justice whether they should dwell among men or go to solitary places. But St. Francis, who did not trust in his own skill, but had recourse to holy prayer before all transactions, chose not to live for himself alone, but for Him "who died for all", knowing that he was sent for this that he might win for God the souls the devil was trying to snatch away" (1 Cel., n.35).

The misunderstanding of pluriformity exerts a negative impact on the present day Franciscan Capuchin Apostolate. In our roles of life while we must respect pluriformity as a healthy means to one's own personality, on the other hand we must also safeguard the charismatic unity which builds up our own identity amongst the people of God.

Our apostolate, although various, must always be done in the franciscan style of poverty, simplicity and minority: "Francis, therefore, the most valiant knight of Christ, went about the towns and villages announcing the kingdom of God, preaching peace, teaching salvation and penance unto the remission of sins, not in the persuasive words of human wisdom, but with the learning and power of the Spirit" (1 Cel., n.36).

Let the programme of formation be always oriented to this type of apostolate.

## Franciscan Capuchin Ecclesial Dimension

The various present ideologies and different trends, mostly regarding philosophical and theological studies, with their negative impact on the clergy and religious in general is a present-day problem within the Church. In this present historical context, the Franciscan Capuchin must live his charism of a total and absolute obedience to the Church (cfr. Introduction to Rule 1).

So, regarding formation, both initial and on-going, greater importance must be given to the authenticity of the "magisterium".

## Total Obedience

The crisis of authority is a world-wide social, cultural and political problem. Nevertheless it is also felt, and at times very critically felt in ecclesial quarters and in religious life.

So, regarding formation, both initial and on-going, much importance must be given to the know of obedience in all its implications:

a) obedience and reverence to the Church; (cfr. Introduction to Rule II).
b) unconditionl loyalty to the ecclesiastical hierarchy and total submission to the priests, even when they may have been unfavourable or ill-disposed and even when they were ignorant or unworthy; (cfr. Testament; 11 Cel., n.146).
c) obedience and respect within the Order itself, towards the ministers in everything that the friars have promised to God to obey. (cfr. 2 Rule, ch. 10).

Obedience to the Church and in the Church appeared as the first and most important bond that held together the brotherhood of the first friars among themselves and united it to the whole Church. (cfr. C. ESSER, *Origins of the Franciscan Order*, Franciscan Herald Press, Chicago 1970, pp.58-71).

## Poverty

That our society is passing through a period of great materialism and consumism is a present-day reality. The superfluous becomes the convenient: the convenient becomes the necessary: the necessary becomes indispensable.

This is presenting a greater challenge to the Franciscan Capuchin who choses the life of evangelical poverty. This is creating an unfavourable situation for the Franciscan Capuchin who wants to keep alive the identity of his charism by "following the poor Christ".

So a more solid formation, in regard to poverty, is necessary.

## Total Self-offering to God

The Francscan Capuchin is living in a permissive society. The words as penance-conversion and chastity, sound as medieval, out-dated vocabulary. This is another aspect of a present-day reality, a mentality which easily can influence Franciscan Capuchin life in its basic fundamental values.

It is of great importance that, both in the initial and during on-going formaton, the friar receive the authentic and positive teaching about his commitment to continuous conversion in our total self-offering to God.

## Conclusion

These are some present-day realities which the Franciscan Capuchin Order in general and each friar in particular are facing.

I am sure that other aspects could have been mentioned; but in this article, I had to limit myself only to the most important characteristics.

**Philip Cutajar, Capuchin**



# KIF NIBZGHU GHALL-HBIEB

Il-ħbieb veri kulħadd iridhom u huma meħtieġa mill-istess natura tagħna. Tant huwa hekk li fil-bidu ta' l-Iskrittura Mqaddsa nsibu dawn il-kliem "Mhux sewwa li l-bniedem ikun waħdu". Biex il-bniedem iħaddem l-personalita' tiegħu għandu bżonn li jgħix u jaqsam ma' ħaddieħor esperjenzi, kliem, ferħ, niket, logħob u xogħol.

Dan hu kollu veru pero' l-qalba tal-kwistjoni hija 'Min huma l-veri ħbieb?' u t-tieni kif għandna nagħmlu biex nibżgħu għalihom dawn l-veri ħbieb jew fi kliem ieħor kif nagħmlu biex mill-parti tagħna aħna nkunu l-veri ħbieb. Mela —

**1 Ħalli li l-ħabib ikun dak li hu:**
Aċċettah kif inhu, b'individwalita', opinjonijet, gosti u imperfezzjonijiet tiegħu.

**2 Għatu wieħed lill-ieħor spazju biex tieħdu n-nifs:**
Ħabib ma jfissirx li ma għandux ikollok ċertu ħsibijiet, ġibdiet, emozzjonijiet privati li dawn ma jista' jaqsamhom ma ħadd.

**3 Kun dejjem lest biex tagħti; u biex tirċievi:**
Lest dejjem biex tgħin u biex titlob l-għajnuna.
La trid tuża l-ħabib u lanqas hu jużak.

**4 Kun Leali:**
Il-lealta hija fedelta. Mingħajr din żgur li l-ħbiberija ma tistax iżżomm għaliex ħbieb kemm fil-bnazzi kif ukoll fil-maltemp.

**5 Għati dejjem kuraġġ u apprezzament:**
Ħu pjaċir bis-suċċessi ta' ħbiebek u ikkumpatih meta jiżbalja.

**6 Kun Onest:**
Żomm dejjem l-arja tal-ħbiberija safja u pura b'ossiġenu tal-verita', pero' jekk tara li inqas kliem is-sitwazzjoni sejra tkun aħjar allura għaqta qasir.

**7 Afda fi ħbiebek:**
Għamel ħiltek kollha biex temmen fil-valuri tajba u intrinsiċi ta' ħbiebek u dawn iroddulek il-ġid. Darba taċċetta d-dubju, il-ħbiberija tispiċċa minnufih

**8 Kun lest biex tirriskja:**
Ħabib veru huwa teżor u t-teżori mhux sejjer issibhom f'kull kantuniera tat-triq. Mela ibda ħobb tassew lil ħbiebek, kun int verament ħabib u huma jsiru veri ħbieb tiegħek.

*MUDEST GATT, kapuċċin*

IR-RIVISTA "DAWL FRANĠISKAN"

GĦAT-VIII ĊENTINARJU

MIT-TWELID TA' SAN FRANĠISK

TNIEDI

800 1182 - 1982

# KONKORS

## TA' KITBA LETTERARJA BI SFOND FRANGISKAN

San Franġisk t'Assisi matul ħajtu kiteb diversi ittri ndirizzati lil kategoriji differenti ta' nies. Fost dawn huma ta' ntererss ġenerali l-ittri li huwa kiteb:

a) lill-Insara Kollha: Reliġjużi, Kjeriċi, Lajċi rġiel u nisa.
b) U lill-Mexxejja tal-popli.

**Kieku San Franġisk kellu jgħix fi żmienna x'kien jikteb f'dawn l-ittri tiegħu?**

**Punti mportanti għall-parteċipanti:**

- Min jidħol għal dan il-KONKORS irid ifittex li jikteb xogħol letterarju fuq stil ta' ittra fejn jipprova kemm jista' jwassal il-messaġġ franġiskan lil waħda minn dawn il-kategoriji msemmija (a jew b).
- Il-parteċipant irid ifitex li jagħmel jidher l-istil franġiskan fil-kitba tiegħu — huwa San Franġisk li qed jikteb għall-Insara jew għall-Mexxejja ta' żmienna.
- Tul mhux aktar minn 400 kelma.
- Dan il-KONKORS huwa miftuħ għal kulħadd.
- Il-parteċipanti jiġu mifruda f'erba' kategoriji skond l-eta':

  a) minn 14-il-sena l-isfel.
  b) minn 15-il-sena sa 21 sena.
  c) minn 22 sena sat-30.
  d) mill-31 sena 'l fuq.

- Ibgħat ix-xogħol tiegħek direttament lill-EDITUR tar-Rivista, u iffirmah biss b'nome-de-plum. F'envelope separat u magħluq ibgħat ukoll l-isem u l-kunjom proprja flimkien ma' l-indirizz u l-eta'. Fuq l-envelope magħluq (minn barra) ir-repeti l-istess nom-de-plum.
- Żmien biex tibgħat ix-xogħol letterarju tiegħek għandek sa l-aħħar ta' Novembru 1981.
- L-ewwel tlett xogħlijiet rebbieħa minn kull kategorija jingħataw rigal xieraq, fil-waqt li aħna niksbu d-dritt li nippubblikaw ix-xogħol tagħhom fuq din ir-Rivista.

*"Jiena hu l-ħobż tal-ħajja. Min jiġi għandi ma jieħdu qatt il-ġuħ, u min jemmen fija ma jkun qatt bil-għatx".*
Ġw. 6, 35.



## NERSQU DEJJEM LEJN L-EWKARISTIJA

Permezz ta' l-Ewkaristija:

nirċievu 'l Ġesu' Kristu ħaj.

ningħaqdu ma' Ġesu' Kristu.

ngħixu lil Ġesu' Kristu.

inwasslu lil Ġesu' Kristu lill-oħrajn.

